# Mro. Giuseppe Darmanin
# Għeluq il-100 sena minn twelidu

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Bħal-lum mitt sena ilu twieled Mro. Giuseppe Darmanin il-Belt Valletta, iben is-surmast Antonio minn Korfù u Emanuela Grupetta, Żabbarija. U jekk hemm tliet baned f'Malta li għandhom għax jiċċelebraw dal-anniversarju minn twelidu huma proprju s-Soċjetà Filarminica 'Stella Maris' ta' Tas-Sliema, is-Soċjetà Mużikali 'Madonna tal-Ġilju' tal-Imqabba, u l-Każin Banda 'San Nikola' tas-Siġġiewi li tagħhom kien surmast direttur. Ma' dawn inżidu wkoll ir-raba' waħda, The Our Lady Queen of Peace Parish Band, li għandha s-sede tagħha f'Graystanes, li huwa waqqaf fi Frar tal-1976 f'Sydney, l-Awstralja. Għaldaqstant, dal-artiklu huwa ntiż biex jiċċelebra iċ-ċentinarju mit-twelid ta' das-surmast li għamel ħiltu biex l-arti u l-edukazzjoni mużikali f'pajjiżna jimxu 'l quddiem.

Kliem muftieħ: Sliema, Stella Maris, Mro. Giuseppe Darmanin, Dun Ġużepp Cachia, Kor tal-Ħamrun, Soċjetà Filarminica 'Stella Maris' (Sliema), Soċjetà Mużikali 'Madonna tal-Ġilju' (Imqabba), Każin Banda 'San Nikola' (Siġġiewi), The Our Lady Queen of Peace Parish Band (Graystanes, Syndey, Awstralja)



Mro. Giuseppe Darmanin
A.Mus.L.C.M. (1963)

Eżatt wara li spiċċat il-Gwerra, Mro. Giuseppe Darmanin, iben is-surmast Antonio, inħatar surmast tal-Banda Stella Maris biex flimkien mal-assistent u ħabib tiegħu, Mro. Anthony Abela, jerġgħu jġibu l-banda fuq saqajha bħalma dari meta l-bandisti tal-post kienu jgħoddu 'l fuq minn mitt ruħ. Għal dal-għan, huma reġgħu ġabru lura dawk il-bandisti li kienu telqu minn Tas-Sliema minħabba l-Gwerra u oħrajn li kienu baqgħu jgħixu hemmhekk. Fl-istess ħin ħadu ħsieb ukoll irawmu oħrajn ġodda u f'qasir żmien l-Banda reġgħet kisbet il-fama li kienet tgawdi fiż-żmien missieru. Tant hu hekk, li ftit xhur biss wara l-ħatra ta' Darmanin f'Settembru tal-1945, il-banda reġgħet bdiet tiġi mistiedna ddoqq barra minn pajjiżha, fosthom fil-festa ta' San Publju (Furjana) u l-Madonna tal-Ġilju (Imqabba), minħabba wkoll li hu kien għadu kif laħaq surmast t'hemmhekk f'Jannar tal-istess sena.[1] Hija reġgħet bdiet iddoqq ukoll fil-festi ta' San Ġorġ (Ħal Qormi), tal-Madonna tal-Karmnu (Gżira u San Ġiljan), ta' San Ġużepp (Imsida), tas-Salvatur (Ħal Lija), u f'okkażjonijiet oħrajn speċjali. Is-snin tad-deheb kienu reġgħu ġew lura fuq dil-Banda.

Tabella nru 1 turi l-linja ta' żmien fil-ħajja twila ta' Mro. Giuseppe Darmanin. Rigward id-dati, is-sena hi mniżżla l-ewwel waħda, segwita mix-xahar, imbagħad il-ġurnata. Fit-tieni kolonna niżżilt xi tagħrif li jirrigwardja tipi differenti ta' servizzi offruti minnu, karigi li okkupa, unuri li kiseb u x'naf jien, kif ukoll id-dati tat-twelid u l-mewt tiegħu, filwaqt li fit-tielet kolonna indikajt il-post fejn saru das-servizzi kollha:

| Tabella nru 1: **Linja ta' żmien** | | |
|---|---|---|
| Data | Karigi, servizzi, unuri eċċ. | Post |
| | | |
| 1918.04.29 | Jitwieled il-Belt Valletta[2] | |

[1] Ikun ferm interessanti jekk wieħed jirnexxilu jiskopri kif minn Tas-Sliema Darmanin spiċċa ntagħżel surmast tal-banda Mqabbija wkoll. Mill-istorja ta' dil-Banda nsiru nafu li Darmanin daħal ftit xhur biss wara li Mro. Joseph M. Bilocca waqaf mit-tagħlim tal-allievi li hu kien beda jħarreġ għal nofs is-sena tal-1944. Mill-annali tal-istorja tal-Banda Stella Maris ma jirriżultax li din qatt daqqet fil-festa Tal-Ġilju qabel il-Gwerra.

[2] Il-ġurnata kienet it-Tnejn. Iben Antonio Darmanin (Mro.) minn Korfù u Emanuela Gruppetta minn Ħaż-Żabbar (Farrugia Charles B.A.(Hons), M.A.: Programm tal-festa Madonna Tal-Ġilju, 2000). L-istess tagħrif jagħtih il-Programm tifkira Festa Stella Maris, 1958 u l-Programm tifkira tal-kunċert vokali u strumentali li kien sar f'The Radio City Opera House, 1958. Għalkemm imwieled il-Belt Darmanin trabba f'Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| 1929 | Beda jitgħallem il-mużika taħt missieru[3] | |
| 1931 | Ħareġ idoqq mal-Banda Stella Maris[4] | Sliema |
| 1935.09-64 | Servizz Militari[5] | |
| 1937.07 | Iżżewweġ lil Phyllis Sammut[6] | |
| 1945.01 | Jilħaq Surmast tal-Banda 'Madonna tal-Ġilju'[7] | Imqabba |
| 1945.09 | Jilħaq Surmast tal-Banda 'Stella Maris' | Sliema |
| 1945.12.09 | L-ewwel programm tal-Banda 'Lily'[8] | Imqabba |
| c. 1946 | Kors ta' studju mużikali[9] | |
| 1946.08 | Il-Banda 'Lily' iddoqq fil-festa ta' Stella Maris | Sliema |
| 1947.02 | Jikseb id-diploma A.Mus.L.C.M. | |
| 1948.02.01 | Programm Mużikali (Banda 'Lily')[10] | Imqabba |
| 1949.09.25 | Programm Mużikali (Banda 'Stella Maris')[11] | Sliema |
| 1950 | Marċ u Programm (Banda 'Lily')[12] | |
| 1950.04.09 | Programm Mużikali (Banda 'Stella Maris')[13] | Sliema |
| 1950.05.07 | Programm Mużikali (Banda 'Lily')[14] | Imqabba |
| 1950.05.20 | Programm Mużikali (Banda 'Lily')[15] | Imqabba |
| 1951.09.02 | Programm Mużikali (Banda 'Stella Maris')[16] | Żabbar |
| 1952-5 | Jilħaq Surmast tal-Banda 'San Nikola'[17] | Siġġiewi |
| 1953.06.01 | Programm Mużikali (Banda 'Stella Maris')[18] | Valletta |
| 1954.08 | Programm Mużikali (Banda 'Stella Maris')[19] | Sliema |

[3] Minbarra l-istrument, huwa beda kors ta' studju fl-armonija u l-kuntrapunt (Programm Tifkira Festa Stella Maris, 1958).

[4] Iż-żewġ kotba ta' Herbert Naudi, 1989, p. 44 u 2014, p. 118, id-Dictionary of Maltese Biographies, editur: Schiavone Michael J., 2009, p. 664, fil-Programm tifkira tal-Kunċert Vokali u Strumentali li kien sar f'The Radio City Opera House, 1958, u fl-artiklu ta' Farrugia Charles, kollha jgħidu li Darmanin ħareġ idoqq mal-banda Slimiża bil-klarinett. Iżda fil-Programm tifkira tal-Festa Stella Maris 1959 insibu li hu ħareġ idoqq bil-kwartin (E*b* Clarinet) mal-Banda Slimiża fil-festa ta' Stella Maris. Dan jikkonfermah ukoll Luke Vella, fl-artiklu t'apprezzament tiegħu li kien deher fit-Times of Malta tas-6 t'Ottubru 2006, fejn jgħid ukoll li aktar tard imbagħad Darmanin qabad il-klarinett. Wieħed mit-tfal ta' Darmanin wkoll kien ħareġ idoqq mal-Banda Slimiża bil-kwartin.

[5] Issieħeb fl-armata mar-Royal Engineers fis-servizz tal-Maestà Tagħha. Fl-eqqel tal-Gwerra, meta l-Italja daħlet fiha fl-1940, Darmanin ġie trasferit għal mar-riġment tal-Royal Malta Artillery (NH).
Kien promoss għal Surġent fl-1941 (olqpmalteseband.com/history/bandmasters/mro-joseph-darmanin). Spiċċa mill-armata bir-rank ta' Warrant Officer Class II (FC).

[6] Minn daż-żwieġ huma kellhom erbat itfal: Lillian, Marie-Louise, Charles u Victor. (FC)

[7] Kien il-fundatur u l-ewwel direttur tagħha.

[8] Il-programm sar f'misraħ l-Imqabba taħt id-direzzjoni ta' Darmanin (FC).

[9] Kors fil-kuntrapunt u strumentazzjoni moderna mingħand Mro. Joseph Stivala (Programm Festa 1958). Iżda fid-dizzjunarju ta' SMJ insibu li hu studja wkoll ma' Vincenzo Costa u Carmelo Pace. Tant hu hekk li fl-istess Programm tal-Festa nsiru nafu li 'għalkemm huwa akkwista d-Diploma tal-London College of Music huwa ma telaqx l-istudji tiegħu iżda baqa' jistudja u huwa ikkompona diversi bċejjeċ mużikali'. Skont Farrugia wkoll insibu li Darmanin studja taħt das-surmastrijiet magħrufa.

[10] Il-programm kien sar fil-Pjazza tal-Knisja. Fih indaqqew siltiet minn *Un Ballo in Maschera* u *Rigoletto* ta' Verdi u l-*Unfinished Symphony* (Schubert) (FC).

[11] B'riżq il-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu.

[12] Fl-okkażjoni tal-Festa Nazzjonali tal-Otto Settembre. Il-Banda kienet ġiet mistiedna mill-Malta Band Clubs Association (L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex, Vol. 3, p.23)

[13] Fl-okkażjoni tal-għoti ta' tliet standardi.

[14] Il-programm kien sar is-Sibt ta' qabel il-festa minħabba xi restrizzjonijiet li kienu imposti mill-Kunċilju Reġjonali tal-1935 dwar festi sekondarji (FC). F'dal-programmi kien jindaqq l-Innu Banda Lily ta' Darmanin. Dakinhar tal-programm kien indaqq ukoll il-Valz 'Fiorentina' tal-istess Darmanin.

[15] Jiżżanżan l-Innu l-Kbir ta' Darmanin, versi ta' Dun Frans Camilleri.

[16] Fl-okkażjoni tal-Inkoronazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja.

[17] Skont Farrugia biss, hu kien surmast ta' dil-banda bejn is-snin 1953-5. Min-naħa tiegħu, Joseph Grech, fil-ktieb tiegħu 'Il-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex', p. 335, jgħid li Darmanin dam imexxi dil-Banda sal-1956, meta mbagħad daħal warajh Mro. Carmelo Callus.

[18] Fl-okkażjoni tal-Inkoronazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II. Fl-istess okkażjoni l-Banda Slimiża daqqet l-innijiet ta' Malta u l-Ingilterra qabel il-programm.

[19] Fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji tal-Knisja u tal-Festa.

| | | |
|---|---|---|
| 1955.07.28 | Programm Mużikali (Banda 'Stella Maris')[20] | Bormla |
| 1957-59 | Membru tal-Bord tas-Surmastrijiet tal-Għ.K.B.[21] | |
| 1958.11.08 | Jidderieġi programm mal-Banda Nazzjonali ta' Malta[22] | Ħamrun |
| 1963.11.16 | Jidderieġi programm mal-Banda Nazzjonali ta' Malta[23] | Ħamrun |
| 1964.07.13 | Jemigra mal-familja tiegħu lejn l-Awstralja | |
| 1964 | Skrivan mal-*Ford Motor Company*[24] | |
| | Bandist mas-*Citizen Military Band Forces*[25] | |
| 1976.02 | Waqqaf u direttur ta' 'The Our Lady Queen of Peace Parish Band'[26] | Greystanes (NSW) |
| ?-1977 | Surmast tas-17th Royal NSW Regimental Band[27] | NSW |
| 1979.08.16 | Idderieġa l-Innu Marċ mal-Banda 'Stella Maris'[28] | Sliema |
| 1996 | Jingħata il-Manoel Vilhena Award[29] | |
| 1998 | Jinħatar Surmast Onorary tal-Banda 'Stella Maris' | Sliema |
| 1998.09.08 | Iffirma l-partitura l-ġdida tal-Innu l-Kbir[30] | Imqabba |
| 2002 | Jiddimetti minn Surmast-direttur tal-Banda Awstraljana[31] | |
| 2006.09.23 | Imut fl-età ta' 88 sena[32] | Awstralja |




Mro. Ġiuseppe Darmanin, imdawwar mill-membri tal-Kor tal-Ħamrun

Fil-ktieb tiegħu taċ-ċentinarju, Herbert Naudi jgħid ukoll li bejn is-snin 1952 u 1964 kienu bosta l-kunċerti vokali u strumentali li ngħataw mill-Banda Slimiża taħt Darmanin li fihom ħadu sehem kantanti solisti flimkien mal-Kor tal-Ħamrun immexxji minn Dun Ġużepp Cachia (1921-2001). Uħud minn dal-kunċerti nsibuhom mniżżlin fid-Djarju tal-Kor, bl-ewwel wieħed ikun dak tal-21 t'Awwissu 1954: 'Illum, lejlet il-festa ta' Stella Maris li hi meqjuma f'Tas-Sliema, il-kor tal-Ħamrun kanta Innu lill-Madonna li jġib l-isem ta' "Stella Maris" u li kien miktub minn Mro. Ferdinanado Camilleri. Dal-Innu ġie eżegwit fil-Pjazza Lunzjata, mal-Banda Stella Maris taħt id-direzzjoni tas-surmast Darmanin.' Sena wara, il-kor reġa' ħa sehem fil-programm ta' lejlet il-festa nhar l-20 t'Awwissu bil-kant tal-istess innu fi pjazza Annunzjata mal-istess surmast. Mhux biss, iżda kanta wkoll fil-Parroċċa Stella Maris l-għada l-

[20] Fl-okkażjoni taċ-Ċinkwanternarju tad-Domma tal-Kunċizzjoni. Id-dizzjunarju ma jsemmix dati.

[21] Bejn Lulju 1957 u Marzu 1959 Darminin kien wieħed mis-surmastrijiet fuq il-bord tal-Malta Band Clubs Association (Programm Stella Maris 1959)

[22] Il-kunċert vokali u strumentali kien sar f'The Radio City Opera House, il-Ħamrun.

[23] Dan kien it-tieni kunċert vokali u strumentali mill-Banda Nazzjonali ta' Malta li fih Darmanin idderieġa biċċtejn xogħol. Skont Herbert Naudi, Darmanin kellu b'kollox tlitt okkażjonijiet fejn idderieġa l-Banda Nazzjonali ta' Malta ġewwa l-istess teatru (p. 119).

[24] Dictionary of Maltese Biographies, p. 664 (SMJ).

[25] *Idem.*

[26] Din kienet l-ewwel Banda Maltija ġewwa Sydney, l-Awstralja. L-ewwel prova tal-banda nżammet fl-4 ta' Frar 1976 fis-sala parrokkjali u fl-istess sena daqqet għall-ewwel darba fil-festa ta' Sta. Marija ġewwa Kellyville. Darmanin baqa' tista' tgħid imexxieha sa mewtu (FC). Fil-ktieb ta' Naudi nsibu wkoll li dil-banda tgħammdet b'dal-isem fuq suġġeriment tal-kappillan t'hemmhekk stess, ir-Rev. Fr. Donald Darmenia. Il-banda għadha tieħu sehem fil-festi Maltin u dik ta' Stella Maris organizzata mis-Slimiżi emigranti (NH). Skont Farrugia wkoll, Darmanin ta sehem kbir fil-Banda tat-Territorial Army (FC) u dderieġa l-Ashfield District Band (NH).

[27] *Idem.* 21. Bir-rank ta' Warrant Officer Class One.

[28] Waqt li kien fuq btala f'Malta flimkien ma' martu Phyllis (NH).

[29] *Idem.* 21.

[30] Dan sar waqt li kien fuq l-istess btala f'Malta (FC).

[31] Darmanin mexxa dil-Banda għal 26 sena sħaħ.

[32] Il-ġurnata kienet is-Sibt (NH). Skont ma kiteb Luke Vella, fit-Times of Malta fis-6 t'Ottubru 2006 fil-paġna tal-mejtin, Darmanin miet fl-24 tax-xahar. Huwa jżid jgħid li Darmanin kien ilu jgħix l-Awstralja għall-aħħar 42 sena ta' ħajtu.

Ħadd il-quddiesa tad-disgħa tas-surmast Camilleri li dderieġa huwa stess. Fl-istess Djarju nsibu mniżżel ukoll, li fil-programm tas-26 t'Awwissu 1957 il-Kor kien kanta l-Innu ta' Camilleri għar-raba' sena konsekuttiva. Iżid jgħid ukoll li: 'Il-membri tal-kor jinstabu taħt influwenza qawwija li għalhekk in-numru tal-membri qiegħed ivarja wisq'. Il-programm kien ġie rrekordjat fil-21 t'Awwissu tal-istess sena. Fis-sena ta' wara, proprju lejlet il-festa tat-23 t'Awwissu, il-programm kien differenti, għax minbarra s-soltu eżekuzzjoni tal-Innu, għall-ewwel darba l-Kor kanta wkoll xi siltiet mir-repertorju operistiku: *Coro di Branci* u *Innegiamo al Signore* (Cavalleria Rusticana); *Va Pensiero* (Nabucco); *O signore, del tetto Natio* (Lombardi). Dal-programm ukoll kien ġie rrekordjat. Ma setax jonqos li, f'programm impenjattiv bħalm' hu dan li l-koristi ma jbillux ftit griżmejhom f'nofs il-programm, u għaldaqstant huma ġew mistiedna għal drink fil-Każin.




Programm tal-festa ta' Stella Maris tal-1959 maħruġ mill-parroċċa arċi matriċi ta' Tas-Sliema

Data oħra mniżżla fid-Djarju hija dik tat-22 Awwissu 1959: 'Mal-banda Stella Maris bħal snin qabel kantajna għall-okkażjoni tal-festa. Jiddispjaċina iżda li dal-programm dam ma beda u spiċċa tard wisq'. Il-programm kien ġie rrekordjat bħas-snin ta' qabel. Fl-istess Djarju nsibu wkoll kopja tal-ktieb tal-festa ta' dik is-sena u li fih insibu wkoll il-programm li ndaqq dakinhar, fejn minbarra l-Kor tal-Ħamrun ħadu sehem ukoll kantanti solisti, fosthom is-Sopran Hilda Tabone, it-Tenuri P. Mahoney u Gius. Vella, u l-Baxxi G. Ellul u J. Aloisio. Il-programm kien wieħed impennjattiv ħafna u mżewwaq għall-aħħar u kollu vokali ħlief għall-Marcia Sinfonica "Amore" tal-istess Darmanin; *Introduzione Atto* $3^{zo}$ (Trovatore); *Mi Chiamano Mimi* (La Boheme); *Vergine Degli Angeli* (La Forza Del Destino); *Prologo e Salmodia* (Mefistofele); *Humming Chorus* (Madame Butterfly); *La Carita* ta' Rossini (l-ewwel darba li qatt indaqqet minn banda Maltija f'pajjiżha); Innu lil Maria Vergini ta' "Stella Maris" (Camilleri); Innu-marċ "O Kewkba tal-Baħar" (A. Darmanin). Dakinhar, il-programm kien għalaq bis-soltu Innu tal-Banda, l-Innu Malti, u l-God Save the Queen. Fl-istess ktieb tal-festa nsibu wkoll lista ta' marċi ġodda li kellhom jindaqqu dik is-sena, fosthom erba' ta' Darmanin, tnejn minnhom arranġamenti: *Toros Armada* (Astier – Conrardy); *In Honour of Fr. Jos. Inguanez*; *Don Jose* (N.N.); u *Pride and Passion*.

Dati oħra mniżżlin fid-Djarju huma dawk tal-20 t'Awwissu 1960: 'Taħt id-direzzjoni tas-surmast Darmanin aħna kantajna dan il-programm li ġej mal-banda ta' Stella Maris: Innu Stella Maris; *Aïda*; *Presso il Fiume Stranier*; *Inno A Roma*'. Dwar il-kunċert tad-19 t'Awwissu 1961, id-Djarju jġib biss: 'Eżegwejna programm mal-banda Stella Maris, Tas-Sliema'. L-istess jagħmel għall-kunċert li sar sena wara fit-18 t'Awwissu: 'Illum, il-kor, mal-Banda Stella Maris f'Tas-Sliema, kanta Innu Stella Maris u innu-marċ.' Għas-snin ta' wara ma jġib xejn aktar.

Xogħlijiet mill-pinna ta' Darmanin: Fil-ktieb tiegħu Banda Stella Maris Mitt Sena ta' Storja, p. 119, Herbert Naudi jgħid li 'fiż-żmien meta Giuseppe Darmanin kien is-surmast tal-Banda 'Stella Maris', kien ikkompona <u>bosta</u> xogħlijiet mużikali għall-Banda Militari'. Skontu dawn kienu jinkludu saħansitra bċejjeċ għall-orkestra u vuċijiet. Naudi jsemmi wkoll li Darmanin kiteb għadd ta' *quick marches* u marċi funebri, kif ukoll preludji u innijiet. Imma forsi l-aqwa u l-ikbar xogħlijiet li ħarġu mill-pinna tiegħu huma bla dubju ta' xejn il-Grand Prelude in Si*b* Maġġuri u l-Innu l-Kbir lill-Madonna tal-Ġilju. It-tabella nru 2 turi wħud minn xogħlijietu, u li bl-ebda mod mhi eżawrita:

| Tabella nru 2: **Kompożizzjonijiet** | | |
|---|---|---|
| Data | Isem | Ġeneru |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | Innu Banda Lily[33] | |
| 1949.09 | Innu lill-Madonna tal-Ġilju | Innu Solenni |
| 1949.10 | Grand Prelude in Si*b* Maġġuri | Preludju |
| 1950.05.07 | Fiorentina[34] | Valz |
| 1951.08 | Aroma[35] | Marċ Sinfoniku (Overtura) |
| 1959 | Toros Armada | Marċ (arranġament) |
| 1959 | In Honour of Fr. Jos. Inguanez[36] | Marċ |
| 1959 | Don Jose | Marċ (arranġament) |
| 1959 | Pride and Passion | Marċ |
| | Richard I[37] | Marċ Sinfoniku |
| | The Masterpiece[38] | Marċ Sinfoniku |
| | Ewġenja for Euphonium[39] | Varjazzjoni Sinfonika |
| | The Dance of the Fairies[40] | Minuet |
| | Magnus[41] | Marċ Brijuż |
| | Tal-Kbar[42] | Marċ Brijuż |
| 2000 | Lil Marija Ssma. u l-ulied ta' Stella Maris[43] | Innu-marċ |

Il-*Grand Prelude in Sib Maġġuri* u l-*Innu Solenni lill-Madonna tal-Ġilju*, huma ġiex xogħlijiet bikrin tiegħu tal-1949. Dawn kitibhom meta kien għadu żgħażugħ ta' madwar 30 sena u għadu kemm temm l-istudji tiegħu fil-mużika mal-aqwa surmastrijiet Maltin ta' żmienu u ġab l-ewwel diploma fl-1947.


3. Mro J. Darmanin, A. (Mus.) L.C.M. Mro. J. Darmanin
**"Grand Prelude in B Flat Major"** A. (Mus) L.C.M.

The third composition is also written by a Maltese, GRAND PRELUDE IN B FLAT MAJOR was completed by Mro. Joseph Darmanin A. (Mus.) L.C.M. in October 1949, and played for the first time the following year, on the Feast of St. Publius, by the Stella Maris Band directed by the composer, who is also its permanent conductor. The PRELUDE was also played in Valletta during the Coronation Celebrations in 1953. The PRELUDE has a strong tutti opening. Between one canon and another the composer flies lightly from one instrument to another and from there to the whole band in the treatment of his themes. The work is rich in modulations and varied in intensity of sound.

*Grand Prelude in Sib Maġġuri*: Fil-programm tifkira tal- Kunċert Vokali u Strumentali li kien sar fit-8 ta' Novembru 1958 ġewwa The Radio City Opera House, il-Ħamrun, insibu tagħrif rilevanti dwar dax-xogħol ta' Darmanin. Il-kunċert kien ġie orginazzat mill-Għaqda Każini tal-Banda (dak iż-żmien The Malta Band Clubs Association) bil-għajnuna u l-koperazzjoni tal-Management tar-Rediffusion. Il-kunċert kien taħt il-patroċinju ta' Mons. Mikiel Gonzi u beda fis-6 ta' filgħaxija. Dakinhar, minbarra Darmanin, il-Banda Nazzjonali ta' Malta daqqet ukoll taħt il-bakketta tas-surmastrijiet Salvino Fabri, Carmelo Brincat, u C. George Borg. Darmanin kien imissu t-tielet wieħed fl-ewwel parti tal-programm, fejn idderieġa x-xogħol tiegħu stess li huwa kien ikkompona f'Ottubru tal-1949, u li ndaqq għall-ewwel darba s-sena ta' wara fil-festa ta' San Publju mill-Banda Stella Maris. L-istess xogħol kien reġa' ndaqq il-Belt Valletta waqt iċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II fl-1953. Ix-xandar u pjanista Romeo Micallef kellu dan xi jgħid dwar il-gran preludju: '*The Prelude has a strong tutti opening. Between one canon and another the composer flies*

[33] Dan huwa l-Innu lill-Madonna tal-Ġilju fil-verżjoni l-qasira tiegħu.
[34] L-Innu lill-Madonna tal-Ġilju Mniedi Ħamsin Sena Ilu, p. 51-3 (Farrugia Charles)
[35] Dictionary of Maltese Biographies, p. 664. Dax-xogħol indaqq għall-ewwel darba mill-Banda Slimiża lejlet il-festa ta' Stella Maris fl-1951 (NH) L-istess awtur jgħidilna wkoll li dil-overtura kienet tindaqq minn ħafna baned minħabba s-suċċess li kisbet. Skont il-programm tal-festa ta' Stella Maris 1959 insibu li dax-xogħol kien indaqq l-ewwel wieħed waqt il-kunċert vokali u strumentali ta' lejlet il-festa tas-Sibt 22 t'Awwissu taħt il-bakketta tas-surmast Darmanin.
[36] Dun Ġużepp Inguanez kien kappillan tal-parroċċa ta' Stella Maris. Il-marċ ta' Darmanin inkiteb f'għeluq il-25 sena saċerdozju tiegħu.
[37] Dictionary of Maltese Biographies, p. 664.
[38] *Idem.*
[39] *Idem.*
[40] *Idem.*
[41] *Idem.*
[42] Dal-marċ għadu jindaqq sal-lum miż-żewġ baned ta' 'Stella Maris' u 'Tal-Ġilju'. Il-kliem tal-marċ huma ta' martu Phyllis, filwaqt li l-isem ġej mil-laqam tal-Festa ta' Stella Maris ġewwa Tas-Sliema.
[43] Dan kien l-aħħar marċ li Darmanin irregala lis-Soċjetà Mużikali Slimiża. Ismu ħadu mill-kliem li bih jibda l-Innu l-Kbir ta' Mro. Ferdinandu Camilleri: *Salve, O Stella, del cielo Regina*.

*lightly from one instrument to another and from there to the whole band in the treatment of his themes. The work is rich in modulations and varied in intensity of sound*'. Fit-tieni parti tal-kunċert Darmanin kien idderieġa wkoll *Fantasia* mill-*Cavalleria Rusticana* ta' Mascagni, bil-parteċipazzjoni tas-Soprano Hilda Tabone u l-Kor tal-Ħamrun. Is-selezzjoni kienu tinkludi l-famuż Intermezz, il-*Coro degli Aranei*, kif ukoll l-*Ineggiamo al Signore*. Tajjeb ngħidu wkoll li dak iż-żmien, jiġifieri bejn Lulju 1957 u Marzu 1959, Darmanin serva fuq il-bord ta' Surmastrijiet li kienu jiġu appuntati mill-Għaqda biex flimkien jsawru sillabu b'tagħlim standardizzat biex aktar żgħażagħ u Għaqdiet Filarmoniċi jitħeġġu fit-tagħlim u t-tisħiħ mużikali. Għal dal-għan, mis-sena 1958 'il quddiem kienet bdiet tinżamm il-Gara Mużikali li għall-ewwel darba kienet intrebħet proprju mill-Banda Stella Maris stess.




Mro. Darmanin u l-assistent tiegħu flimkien mal-allievi rebbieħa tal-ewwel gara mużikali mnedija mill-MBCA fl-1958 (ASM)

L-istess Darmanin kien reġa' ħa sehem għat-tieni darba f'kunċert vokali u strumentali mill-istess organizzaturi nhar is-Sibt 16 ta' Novembru, dejjem taħt il-patroċinju distint tal-E.T. Arċisqof Metropolitan Mons. Mikiel Gonzi. Fl-ewwel parti Darmanin idderieġa s-Sinfonia *I Vespri Siciliani* ta' Verdi, filwaqt li fit-tieni parti ħabbat il-Marcia *Tannhauser* ta' Wagner, li fiha ħa sehem ukoll il-Kor tal-Ħamrun taħt it-treġija ta' Dun Ġużepp Cachia. Fl-istess kunċert kienu dderiġew ukoll is-surmastrijiet Jos. M. Barbara, Frank Busuttil u Emmanuel Morello. Dakinhar ħadd minnhom ma kien ippreżenta xi xogħol oriġinali tiegħu. F'paġna oħra tal-programm tifkira nsibu wkoll profil tal-erba' surmastrijiet, fosthom ta' Darmanin, li bażikament ma nbidel xejn fih ħlief fejn jgħid li kien idderieġa l-Banda Nazzjonali ta' Malta fil-kunċert li kien sar ħames snin qabel.

Iżda forsi l-akbar u l-isbaħ xogħol li qatt ħareġ mill-pinna tiegħu hu l-*Innu Solenni lill-Madonna tal-Ġilju*, li huwa temm xahar qabel il-Gran Preludju, għall-banda Mqabbija. Dal-Innu Kbir għandu versi tal-qassis-poeta Dun Frans Camilleri; liema Innu kien deher fil-ktieb *Innijiet* tal-1948. Indaqq għall-ewwel darba fil-pubbliku nhar l-20 ta' Mejju 1950 waqt il-programm ta' lejlet il-festa.



L-ewwel paġna tal-partitura tal-Innu l-Kbir 'tal-Ġilju' ta' Mro. Ġiuseppe Darmanin

F'wieħed mill-ħafn' artikli tiegħi li jitrattaw l-innijiet kbar u żgħar kont ktibt hekk fuq l-'Innu Tifħir lil San Ġużepp' ta' Mro. Willie Attard (1899-1970)[44]: "Bħala ġeneru, *Inno di Gloria* jew *Innu Tifħir,* jonkella sempliċiment *Innu l-Kbir* huwa bħal Kantata f'repertorju klassiku u li jikkonsisti f'xogħol mużikali, aktarx b'tema reliġjuża marbuta mal-ħajja tal-Qaddis/a li għalih/a tkun qed issir il-festa. Xogħol simili ikun intiż għal vuċijiet solisti fi stil operistiku hekk imsejjaħ *bel canto* peress li fih il-kant ikun tabilħaqq floridu. Dal-vuċijiet ikunu akkumpanjati minn kor magħmul, jew minn tfal (bniet u subien), jew adulti (irġiel u nisa), imma li aktarx ikantaw fl-unisonu[45] u qajla jingħataw partijiet mużikali differenti. Peress li Innu *di Gloria* jindaqq barra fuq xi planċier artistiku, u mhux ġewwa knisja, dan jindaqq minn banda mdaqqsa jew kbira. F'dik li hi nisġa mużikali mbagħad, l-Innu *di Gloria* jkun imħawwar tajjeb b'passaġġi pjuttost elaborati, u li jinkludu xalata ta' arji[46], dwetti[47], saħansitra terzetti[48], min-naħa tal-vuċijiet solisti. Fih ma jonqsux ukoll xi solijiet jew kadenzi[49] fuq xi strument jew ieħor u fanfarri[50]

---

[44] Sensiela Mro. Willie Attard (1899-1970): Innu Tifħir lil San Ġużepp – fl-agunija u l-glorja. Programm tal-festa ta' San Ġużepp il-Ħamrun 2015, p. 23-7.
[45] Daqq jew kant minn strumenti jew vuċijiet differenti imma li jaqblu fil-leħen, fit-ton, u fl-istess noti mużikali.
[46] Silta minn opra, oratorju jew xogħol vokali ieħor li titkanta minn kantant solista.
[47] Silta mużikali li titkanta minn żewġ vuċijiet jew strumenti.

li jannunzjaw il-miġja ta' xi waqt importanti. Xogħol bħal mhu dan ikun jirrikjedi tip ta' melodija li, bil-ksur u l-ħlewwa tagħha, tagħraf tpaxxi 'l-widna, armonija mħaddma b'tali mod li tista' toffri tiżwiq mhux tas-soltu f'dawk li huma akkordji[51], u orkestrazzjoni rikka biex tgħin lix-xogħol joħroġ aktar fil-perspettiva tiegħu. Ġieli wkoll, it-tħaddim tal-kontrapunt[52] u għodod mużikali oħra ma jonqsux f'xogħol bħalma hu dan". Inżid ngħid ukoll li biex innu jikkwalifika bħala wieħed mill-kbar irid ikun fih għexieren sħaħ ta' battuti mqassmin f'diversi taqsimiet, jew biex insejħulhom hekk, movimenti, fejn it-tema ewlenija tirrepeti ruħha għal diversi drabi (din aktarx tkun kantata mis-solisti u l-kor għall-akkumpanjament ta' banda sħiħa, bil-qniepen b'kollox). Ħafn drabi wkoll, ikun fihom xi tip ta' motiv jiġri min-naħa għall-oħra tax-xogħol. Minn daqshekk, l-'Innu lill-Madonna tal-Ġilju' jaqa' taħt dil-kategorija peress li għandu ħafna minn dal-attribwiti.

Struttura: Bħala xogħol, l-Innu ta' Darmanin jista' jinqasam b'mod wiesa' fi tliet movimenti kbar f'forma hekk imsejħa ternarja (ABĊ), fejn tal-aħħar għandu aktar minn rikapitulazzjoni milli ħaġ' oħra. Iżda kull wieħed minnhom jerġa' jinqasam f'diversi taqsimiet, fejn it-tempijiet u t-tonalitajiet waqtiet jinbidlu. Hemm passaġġi li huma strumentali bil-banda ddoqq weħidha, oħrajn li fihom jidħol il-kor tat-tfal waħdu, oħrajn it-Tenuri u l-Baritni biss, u oħrajn kulħadd f'daqqa, banda u vuċijiet. Hemm ukoll passaġġi fejn jidħlu strumenti solisti. Hawn taħt hija tabella nru 3 li turi kif inhuma mqassmin it-tliet moviment bit-temp ġenerali tagħhom u bil-għadd ta' battuti li huma jokkupaw:

| Tabella nru 3: **Innu Solenni lill-Madonna Tal-Ġilju** | |
|---|---|
| Temp | Battuti |
| *Allegro Moderato* | 1-125$^1$ |
| *Maestoso – Lento – Moderato - Maestoso – Lento – Moderato* | 125$^2$-308 |
| *Allegro Moderato – Grandioso – Andante Sostenuto - Presto* | 309-415 |

L-Innu l-Kbir ta' Darmanin dis-sena jagħlaq l-20 sena minn mindu l-kompożitur iffirma l-partitura l-ġdida. Fl-aħħar paġna tiegħu nsibu nota awtografata: *This is a copy of the original score of the Hymn our Lady of the Lillies (sic.) which was composed by me in September 1949*. Dan ifisser li s-sena d-dieħla jkun jaħbat is-70 anniversarju mill-ktib tal-istess innu, li kif mistenni, ser jiġi ċċelebrat bil-kbir mill-Banda Imqabbija 'Tal- Ġilju'.

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Slimiżi fl-okkażjoni tal-festa ta' Stella Maris li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata f'beltha; fl-okkażjoni tal-100 minn twelid Mro. Giuseppe Darmanin; fl-okkażjoni tal-20 sena tiegħi bħala surmast-direttur tal-UoM JC Orchestra A.D. 1998.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

[48] Silta mużikali għal tliet vuċijiet jew strumenti.
[49] Jikkonsisti f'passaġġ vokali jew strumentali li juri l-ħila teknika ta' kantant/a jew strumentalist.
[50] Biċċa mużika qasira li tindaqq bil-qawwi, normalment mit-trumbetti f'xi parata militari.
[51] Għadd ta' noti li flimkien jagħmlu armonija.
[52] Għaqda ta' żewġ melodiji jew aktar b'figuri ta' noti differenti li meta tqegħidhom flimkien dawn jagħmlu sens mużikali.